MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 443/2003

**Malta Drydocks
f'isimha u ghan-nom ta' Manoel Island Yacht Yard**

**vs**

**Andrew Bugeja**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fid-9 ta' Settembru 2003 fejn talbet lil din il-Qortili tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici proprio et nomine, is-somma ta' elfejn, mitejn u hamsa u sittin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm2,265.51) somma dovuta minnu bilanc tal-prezz ta' fornituri, xoghol u servizzi moghtija u esegwiti fuq inkarigu tieghu fuq il-boat Cam Sprite.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tat-18 ta' Marzu 2003 u ta' l-24 ta' Lulju 2003, u bl-imghaxijiet legali

sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Andrew Bugeja fejn eccepixxa:

1. Illi l-ammont pretiz mhuwiex dovut stante li sar xoghol inferjuri u ghad hemm problemi fuq ix-xoghol li s-socjeta’ attrici kienet ipprestat;
2. Illi l-kont huwa ferm u ferm gholi u ghalhekk l-ammont ghandu jigi ridott u dan minkejja li gja saru diskussjonijiet mas-socjeta’ attrici fejn gew indikati l-ammonti sejjeda;
3. Illi kien hemm dewmien da parte tas-socjeta’ attrici sabiex ilestu ix-xogholijiet u ghalhekk il-konvenut tilef ammont ta’ introjtu minhabba in-non uso tad-dghajsa tort tas-socjeta’ attrici u ghalhekk irid kumpens ta’ dan.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda servizzi u xoghol ipprestati lill-konvenut bhala sid tal-lanca Cam Sprite, liema xoghol sar bejn Settembru 1997 u Settembru 2001.

Alfred Micallef, [fol. 36] Administration Manager tal-Manoel Island Yacht Yard, xehed illi huwa kellem lill-konvenut darbtejn. Barba kellmu fil-prezenza ta’ huh, u qablu fuq il-kont u fuq il-bilanc illi kien ghad fadallha tiehu l-Yacht Yard u f’April, 2003 il-konvenut ghamel pagament ta’ elf lira Maltin (Lm1,000). Rega’ kellmu darb’ohra f’Lulju 2003, sabiex ikompli bil-pagamenti, izda ma dan kollu ma sar xejn. Giet esebita ittra [fol. 41] datata 21 ta’ Marzu 2000, li fiha l-konvenut u huh qeghdin jitolbu l-awtorizazzjoni sabiex ihallsu l-ammont dovut lill-Yacht Yard b’rati mensili ta’ mitejn lira Maltin (Lm200). Dan, pero’, jidher illi ma nzammx.

Il-Qorti m’ghandhiex il-konfort tax-xhieda tal-konvenut, biex jikkonferma jew jirribatti l-provi li gabet is-socjeta’

attrici. Minkejja li l-kawza kienet differita ghal tliet darbiet bl-appuntament ghax-xhieda tal-konvenut, bi skuza jew ohra dan qatt ma deher u ghalhekk, il-Qorti trid tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migjuba mis-socjeta' attrici.

Fuq dawn il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju u t-talba ta' l-istess socjeta' attrici timmerita konferma. Dan gie ppruvat mhux biss bix-xhieda ta' Alfred Micallef, izda wkoll bid-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici, minfejn jirrizulta car illi saru x-xogholijiet imsemmija fuq il-lanca Cam Sprite, li hija proprjeta' tal-konvenut u li fadal il-pagament indikat fl-avviz.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici proprio et nomine, is-somma ta' elfejn, mitejn u hamsa u sittin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm2,265.51) bhala bilanc minn somma akbar dovuta lill-istess socjeta' ghall-fornituri, xoghol u servizzi li gew esegwiti fuq inkarigu ta' l-istess konvenut fuq il-boat Cam Sprite.

Bl-ispejjez u l-interessi legali min-notifika ta' l-avviz, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------